RIKORRENTI:

INTIMATA:

EZEKUZZJONI:

Mandat ta' Inibizzjoni

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

**ABC Limited (C 12345)**
**vs**
**XYZ Limited (C 54321)**

**Rikors ta' ABC Limited (C 12345);**

Jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament: -

Illi l-esponenti ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet taghha;

**Illi l-esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izzomm l-intimata milli twettaq jew tkompli twettaq kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-esponenti taħt l-artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13) u taħt l-Artikoli 9 u 10 tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416), partikolarment illi l-kumpannija intimata tinzamm milli tbiegħ, toffri, tesponi għal bejgħ, toħroġ fis-suq jew taħzen għal dawk l-għanijiet, timporta, tesporta, tirreklama, tippromwovi, u/jew tikkummercjalizza prodotti, senjatament siggijiet bil-kulur aħdar jew toffri, tforni, tirreklama, tippromwovi, u/jew tikkummercjalizza xi servizz permezz ta' siggijiet bil-kulur aħdar,**

**u dan ghar-ragunijiet segwenti;**

Illi l-kumpannija rikorrenti topera fil-qasam tal-bejgh ta' siggijiet ..........

Illi l-kumpannija rikorrenti hija l-proprjetarja tal-markji figurattivi numri ........

Illi l-kumpannija intimata hija wkoll operatur f'Malta fil-qasam tal-bejgh ta' siggijiet ........

Illi l-kumpannija rikorrenti saret taf u ghandha fil-pussess taghha evidenza cara li turi li l-kumpannija intimata, minghajr l-awtorizzazzjoni u permess tal-kumpannija rikorrenti, qieghdha tbiegh u/jew toffri ghall-bejgh u/jew sejra imminentement tibda toffri ghall-bejgh, siggijiet li ghandhom l-isem u/jew markji u/jew sinjali distintivi tal-kumpannija rikorrenti billi dawn is-siggijiet huma tal-kulur ahdar simili ghal dak tal-kumpannija rikorrenti (vide ritratti u screen shots mehuda mill-profil / sit tal-Facebook tal-kumpannija intimata, annessi bhala dokument wiehed '**Dok.**');

Illi l-libsa ta' dawn il-prodotti, li tikkonsisti principalment fil-kulur tal-prodotti, tikkonsisti f'imitazzjoni palezi tal-libsa ta' prodotti uzata fil-kummerc mill-kumpannija rikorrenti, biex b'hekk hemm il-potenzjalita' ta' konfuzjoni minn naha tal-konsumaturi;

Illi b'dan l-agir da parti tal-kumpannija intimata, il-pubbliku jista' jigi ngannat u/jew konfuż billi huwa jassoċja il-kulur aħdar man-negozju tal-esponenti.

Illi dan l-aġir tal-intimata:

(i) jeccedi l-limiti tal-konkorrenza bejn kummercjanti stante li jikkonsisti f'uzu minn kummercjant ta' isem u/jew marki u/jew sinjali distintivi uzati skond il-ligi minn haddiehor minkejja li mhux registrati skond l-Att dwar it-Trademarks (artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc, Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta), u jaghti lok ghal azzjoni rimedjali skond l-artikolu 37 tal-istess Kap. 13, u

(ii) jikkostitwixxi f'uzu da parti tal-kumpannija intimata fil-kors tal-kummerc taghha ta' sinjal simili ghat-trademarks registrati tal-kumpannija rikorrenti ghar-rigward ta' oggetti jew servizzi identici ma', jew simili ghal, dawk li dwarhom it-trademarks tal-kumpannija rikorrenti huma registrati, bi ksur tad-drittijiet tal-kumpannija rikorrenti fil-Markji registrati taghha skond tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi inoltre, il-kumpannija intimata qieghdha wkoll tirreklama dawn is-siggijiet taghha ghall-bejgh fuq il-mezzi socjali taghha (senjatament fuq il-profil / sit taghha tal-Facebook – vide 'Dok. ') billi fost l-ohrajn turi l-

prodott taghha bil-kulur ahdar fuq l-istess. Dan jikkostitwixxi uzu da parti tal-kumpannija intimata fil-kors tal-kummerc taghha ta' sinjal simili ghat-trademarks registrati tal-kumpannija rikorrenti ghar-rigward ta' oggetti jew servizzi identici ma', jew simili ghal, dawk li dwarhom it-trademarks tal-kumpannija rikorrenti huma registrati, bil-probabbilta' ta' konfuzjoni min-naha tal-pubbliku, kif gja' spjegat;

Illi ghaldaqstant, dan l-agir tal-kumpannija intimata jikkostitwixxi wkoll ksur tad-drittijiet tal-kumpannija rikorrenti fil-Markji registrati taghha fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 9 u l-Artikolu 10(1) (2) u (4) tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta) fost l-ohrajn;

Illi l-kumpannija rikorrenti ghandha interess li l-kumpannija intimata tigi inibita milli tinnegozja jew tkompli tinnegozja f'dawn it-tip ta' prodotti u se tigi pregudikata jekk dan in-negozju jibqa' ghaddej. F'dan il-kuntest jingħad li ma hemm ebda rimedju adegwat għal ħsara li tista' ssofri l-esponenti jekk dawn il-prodotti jitħallew jiċċirkolaw fis-suq;

Illi ghalhekk il-kumpannija rikorrenti qieghdha tghaddi sabiex tipprezenta l-odjern rikors ghall-ispedizzjoni tal-opportun mandat ta' inibizzjoni u titlob li in vista tan-natura tal-kaz, dan il-mandat jigi milqugh provizorjament sakemm jinghata provvediment definittiv;

Ghaldaqstant, il-kumpannija rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izzomm il-kumpannija intimata milli tkompli taghmel il-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Avukat Jonathan Abela Fiorentino
*MamoTCV 103, Triq id-Dejqa, Valletta*

Prokuratur Legali Silvana Vella

Illum,

Ikkonfermat quddiemi bil-gurament wara li qrajtlu l-kontenut, u fil-prezenza ta'

bhala xhud ta' l-identita, u pprezentat minn P.L. Silvana Vella b' ___dokumenti.

Mandat ta' Inibizzjoni

**REPUBBLIKA TA' MALTA**

MANDAT TAL-QORTI

Lil Marixxall tal-Qrati

BILLI ġie preżentat ir-rikors ta' hawn fuq, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skond il-liġi għal ordni infraskritt;

Inti għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi, b'kopja li tagħti ta' dan il-mandat lill-imsemmi intimat, inti ghandek izzomm lill-intimat milli jaghmel il-hwejjeg imsemmija fl-imsemmi rikors li huma ta' hsara ghar-rikorrent, taht il-pieni li thedded il-ligi ghal min jonqos;

U wara li taghmel dan, jew jekk tiltaqa' ma xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti ghandek minnufih tgharraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti

bix-xiehda ta' Duttur tal-Liġi,

tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum,